# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 23 ta' Novembru 2021**

Appell numru 171/2020

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Manuel GOUDER**

Il-Qorti rat is-segwenti :

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar l-14 ta' Settembru 2020 fil-konfront ta' Manuel GOUDER (detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 558588M) li ġie mixli talli fil-Gżejjer Maltin għax-xahar ta' Mejju tas-sena 2019, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas milli jagħti lil Yasmine Grima u/jew lill-uliedu s-somma ta' Ewro 250 hekk iffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bħala manteniment għaliha u/jew għall-ulied fi żmien ħmistax -il jum minn dak -il jum li fih, skont l-ordni jew dak il-kuntratt ikollha titħallas is-somma.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, sabet lill-appellant

GOUDER ħati tal-imputazzjoniji miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundannatu **xahar detenzjoni**.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi l-appellant GOUDER appella minn din is-sentenza fejn talab lil Qorti sabiex tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull ħtija u piena u dan wara li stqarr is-segwenti:

   i. Fl-ewwel lok il-preskrizzjoni. Meta nbgħatu ċ-ċitazzjonijiet għand iz-ziju tal-appellant ma jfissirx li kien hemm in-notifika skont il-Liġi. Iz-ziju mhux membru tal-familja tiegħu. Persuna ma tiġix kkunsidrata notifikata jekk tħalliet karta fl-indirizz skont l-indirizz tal-identity card. Dik il-preżunzjoni ma tirriżulta minn imkien fil-liġi u huwa risaput li n-nies ibiddlu r-residenza taħgha speċjalment f'ċirkostanzi bħal dawn u ma jbiddlux ukoll l-indirizz fuq l-identity card. Il-prova li ġie notifikat regolarment trid issir mill-Prosekuzzjoni u mhux mid-Difiża.
   ii. It-tieni aggravju huwa fis-sens li huwa mifhum li digriet huwa ordni pero' biex persuna tiġi ordnata dik l-ordni trid tkun ikkomunikata. Hawnhekk hawn lacuna fil-liġi li d-digriet jingħata in camera bl-ebda mod ma jiġi b'xi mod notifikat lill-partijiet. Dan meta hemm konsegwenzi gravi ta' non-osservanza li iktar tiggrava ruħa meta jibda jgħaddi ż-żmien għaliex jakkumulaw l-ammonti. Allura l-persuna fil-kriminal qed tiġi preżunta li taf bil-fatt materjali tad-digriet tal-manteniment u anke fl-ammont għaliex hija preżunta la ġiet notifikata bir-rikors suppost li taf ukoll x'hemm fid-digriet u meta ħareġ id-digriet.
   iii. It-tielet aggravju huwa dwar in-ne bis in idem. L-appellant jikkontendi li din il-kawża kienet diġa nkorporata f'kawża li ġġib in-numru MAC-00470-2019-5 peress li dak jitkellem minn Jannar sa April u sa Awwissu 2019 għalhekk din l-akkuża hija kompriża u nvoluta fl-istess perjodu.
   iv. Dwar il-piena, hija gravuża meta huwa magħruf li jistgħu jingħataw pieni oħrajn.

## D. IL-KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

### Ikkunsidrat

4. Illi nhar il-31 ta' Mejju, 2019 irraportat ġewwa l-Għassa tal-Belt Yasmine Grima li żewġha Manuel GOUDER naqas milli jħallas il-manteniment dovut lilha ta' Ewro 250 għax-xahar ta' Mejju ta' dik is-sena u in sostenn għar-rapport tagħha hija ppreżentat rikors bin-numru 686/18 liema rikors kien maħruġ minn Qorti ta' Ġurisdizzjoni

Ċivili. Hija sostniet li GOUDER kien hekk ordnat iħallas lilha u lil binhom il-manteniment b'digriet tal-Qorti kompetenti.

5. Il-Pulizija għamlu kuntatt ma' GOUDER fejn dan min-naħa tiegħu stqarr li kien sejjer għand l-avukat tiegħu sabiex jikkonsulta miegħu fuq din il-kwistjoni u l-Pulizija tawh ġimgħa ċans sabiex jirraporta lura wara li jkun hekk ikkonsulta mal-avukat tiegħu. Biss, wara ġimgħa, huwa baqa' ma għamiltx kuntatt mal-Pulizija u kull tentattiv tal-Pulizija sabiex jagħmlu kuntatt miegħu wkoll ma kienx ta' suċċess. Sussegwentement inħarġu l-akkużi fil-konfront ta' GOUDER u ttieħdu l-proċeduri kriminali kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fejn dik il-Qorti sabitu ħati u kkundannatu għal piena ta' xahar detenzjoni.

**Ikkunsidrat**

6. Fl-ewwel aggravju tiegħu l-appellant jeċċepixxi l-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali kontra tiegħu in kwantu jsostni l-irregolarita' tal-proċedura tan-notifika li ntużat sabiex jiġi nnotifikat lilu l-avviż tas-smigħ tal-kawża. Din il-Qorti minnufih tagħmel referenza għall-Artikolu 691(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan għaliex huwa n-natura tar-reat li hekk jiddetermina l-jum li minnu jibda għaddej it-terminu perentorju tal-preskrizzjoni:

> (1) Għar-reati ikkunsmati, iż-żmien tal-preskrizzjoni jibda mill-jum tal-konsumazzjoni; għall-attentati, mill-jum li fih isir l-aħħar att ta' esekuzzjoni; għar-reati kontinwati, mill-jum li fih isir l-aħħar ksur tal-liġi; u għar-reati permanenti mill-jum li fih ma tibqax il-permanenza tar-reat.

7. F'dan il-każ l-appellant ġie mixli bil-ksur tal-Artikolu 338(z) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għal perjodu ta' Mejju tas-sena elfejn u dsatax u għalhekk si tratta biss ta' ksur wieħed tal-imsemmi dispożizzjoni tal-Liġi. Issa, huwa paċifiku li r-reat ipotizzat fl-Artikolu 338(z) tal-Kodiċi Kriminali, huwa ta' natura istantanea u bħali tali allura ż-żmien tal-preskrizzjoni jibda jiddekorri mill-jum tal-konsumazjoni. F'dan is-sens din il-Qorti tagħmel referenza għall-kawża **Il-Pulizija vs. John Debono** deċiża nhar is-17 ta' Marzu 1992 fejn ġie ritenut:

> Għall-kull *buon fini* jiġi nnotat li r-reat dedott kontra l-appellant huwa dak ikkontemplat fl-artikolu 338(z) tal-Kodiċi Kriminali, u ċjoe li kien naqas li

jħallas lil martu l-manteniment għal ibnu meta kien hekk ordnat mill-Qorti. Dan huwa reat istantaneju. L-appellant ma ġiex akkużat bil-kontravvenzjoni kontemplata fl-artikolu 338(y) tal-Kodiċi Kriminali, ċjoe li kien ħalla fil-bżonn lit-tfal, li hu reat permanenti.

8. Skont l-Artikolu 338(z) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-azzjoni kriminali għal dan ir-reat taqa' bi preskrizzjoni bl-għeluq ta' sitt xhur liema terminu jibda jiddekorri, f'dan il-każ, mill-jum tal-konsummazzjoni tar-reat. U l-Artikolu 338(z) jistabbilixxi wkoll bi preċiżjoni l-mument li skont il-Liġi jiskatta dan il-ksur u ċjoe' ħmistax -il jum minn dak il-jum li fih, skont l-ordni jew il-kuntratt, ikollha titħallas dik is-somma hekk iffissata.

9. Mhux ċar mill-atti meta kienet id-data li fiha l-appellant kellu jivversa s-somma iffisata permezz tad-digriet tal-Qorti. Dak li jirriżulta huwa li l-appellant kien marbut bl-obbligu ta' manteniment skont digriet bin-numru 686/18 maħruġ mill-Onorevoli Imħallef Antonio G. Vella nhar il-21 ta' Jannar tas-sena elfejn u dsatax. Imbagħad jirriżulta wkoll mill-affidavits esebiti a fol. 3 et seq. tal-atti proċesswali li l-parte civile Yasmine Grima irraportat kif minkejja li l-appellant suppost għaddielha l-manteniment **<u>fl-aħħar tax-xahar, huwa ma kienx għadu ħallasha u li kienu anki għaddew il-ħmistax -il ġurnata mill-jum</u>** li fih suppost kellu jsir dan il-ħlas da parte tal-appellant. Għaldaqstant, stando ma dak preżentat fl-atti l-iżjed li din il-Qorti tista' tikkonkludi huwa li l-preskrizzjoni tibda tiddekorri favur l-appellant GOUDER minn ħmistax -il jum wara l-aħħar tax-xahar ta' Mejju tas-sena 2019 u li l-azzjoni kriminali taqa' bl-għeluq ta' sitt xhur minn din id-data.

10. In kwantu għan-notifika taċ-ċitazzjoni, mill-atti proċesswali jirriżulta li saru tentativi ta' notifika personali lill-appellant fl-indirizz Flat 15, Triq Iċ-Ċikas Block A, Żabbar. U dan minkejja li skont estratt mir-Reġistru Elettorali maħruġ f'Ottubru tas-sena 2019 (foljo 2 tal-atti proċesswali) jirriżulta li l-indirizz uffiċjali tal-appellant kien propju dak fejn kienet qiegħda tipprova tasal in-notifika taċ-ċitazzjoni lill-appellant. Biss, peress li rriżulta li fl-imsemmi indirizz l-appellant qatt ma rnexxilu jiġi nnotifikat, in-notifika ma setgħetx issir ai termini tar-regolament numru 4 tal-Avviż Legali 9.22. B'hekk ittieħdet id-deċiżjoni li ssir in-notifika taċ-ċitazzjoni bil-proċedura msemmija fir-regolament numru 8 tal-istess Avviż Legali li jgħid :

(1)(a) Fil-każ li mat-tieni tentattiv li tiġi notifikata l-persuna, in-notifika tal-att ġudizzjajru ma tistax issir skont ir-regolamenti 4 u 5, l-uffiċjal inkarigat bin-

notifika għandu jħalli t-taħrika fl-aħħar indirizz reġistrat jew iwaħħal it-taħrika mal-bieb tal-aħħar indirizz reġistrat:

Iżda l-uffiċjal ma jistax iħalli t-taħrika fl-aħħar indirizz reġistrat jew mwaħħla mal-bieb tal-aħħar indirizz reġistrat sakemm ma jkunx sar it-tieni tentattiv l-għada jew wara li jiskadi xi perjodu itwal.

(b) Barra minn hekk estratti tal-att ġudizzjarju għandhom jiġu ppubblikati darba fil-Gazzetta jew f'wieħed mill-ġurnali ta' kuljum, liema estratti għandu jkun fihom l-isem u l-kunjom ta' min wettaq ir-reat, in-numru tad-dokument ta' identifikazzjoni legalment validu ta' min wettaq ir-reat, il-Qorti rispettiva ta' fejn ser isir is-seduta, id-data u l-ħin ta' fejn ser issir is-seduta u l-akkużi:

**Iżda, jekk l-aħħar indirizz reġistrat ma jkunx magħruf, għandu jkun biżżejjed u persuna għandha titiqies bħala notifikata, jekk l-estratti tal-att ġudizzjajru jiġu ppubblikati skont il-paragrafu (b).**[1]

(2) L-uffiċjal li jwettaq in-notifika skont is-subregolament (1)(a) u (b) għandu jikkompila ċertifikat ta' notifika skont ir-regolament 14.

(3) Kopji tal-estratti ppubblikati kif meħtieġ bil-proviso għas-subregolament (1)(b) għandhom jiġu eżibiti quddiem il-Qorti mill-Uffiċjal tal-Prosekuzzjoni u dan il-fatt għandu jitniżżel fil-proċeduri tal-Qorti.

11. A tergo ta' fol 4 jirriżulta li l-Uffiċjal Inkarigata minn notifika fil-fatt, wara t-tieni tentattiv ta' notifika, magħmula fis-26 t'Awissu 2019, ħalliet kopja tat-taħrika fl-istess indirizz fis-1334. Din il-proċedura imbagħad ġiet segwita bil-pubblikazzjoni tal-estratt fil-ġurnal ta' kuljum skont kif rikjest mir-regolament 8(1)(b) tal-Avviż Legali imsemmi. Dawn ir-rekwiżiti tan-notifika msemmija f'dan ir-regolament 8(1)(a)u(b) huma kumulativi.

12. **Il-prova li dawn effettivament saru skont il-Liġi trid imbagħad tirriżulta wkoll mill-atti; u din il-prova trid ukoll issir skont il-Liġi proċedurali.** U hawn dil-Qorti tara li hemm problemi serji.

13. Jirriżulta li l-oriġinal tar-referta tan-notifika ġiet eżebita a fol 4 : **iżda din mhix iffirmata mill-Uffiċjal adett mill-istess notifika.** Bid-dovut rispett, saħħa dan id-dokument ma ġiex konfermat bil-ġurament mill-uffiċjal li jkun ħarġu, l-anqas biss, tal-anqas, hemm il-firma tiegħu fuqu! Din il-Qorti ma tistax tqis dan id-dokument bħala l-aqwa prova ossija prova valida u sikura għall-fini tan-notifika ta' att ġudizzjarju skont il-Liġi.

[1] Enfasi ta' din il-Qorti.

14. Oltre minn hekk, il-prova tal-pubblikazzjoni relattiva li jidher li saret kienet tikkonsisti minn fotokopja, mhux awtentikata, ta' dak li suppost li huwa l-estratt tal-ġurnal ta' kuljum "The Malta Independent" pubblikat fis-27 ta' Novembru 2020. Il-problema f'dan il-każ hija li l-kopja tal-estratt ippubblikat kif meħtieġ bil-proviso għas-subregolament (1)(b) li għandu jiġi eżebit quddiem il-Qorti mill-Uffiċjal Prosekutur mhix wieħed minn dawk id-dokument li, bis-saħħa tal-artikolu 627 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta reż applikabbli għal dawn il-proċeduri penali bl-artikolu 520(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali, ma jeħtieġux prova oħra tal-awtentiċita tagħhom għajr dak li jidher minnhom infushom. B'hekk l-obbligu li kellha l-Prosekuzzjoni f'dan il-każ kienet li tressaq l-aqwa prova tal-pubblikazzjoni, almenu billi tippreżenta kopja stampata tal-Ġurnal mnejn tirriżulta l-pubblikazzjoni ta' dan l-estratt, jew kopja diġitali tagħha debitament awtentikata - u mhux karta li tidher fotokopja li l-anqas biss hija awtentikata.

15. Din il-Qorti għalhekk ma tistax tqis li l-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova sal-grad rikjest minnha li effettivament wetqet in-notifika tal-att ġudizzjarju ossija t-taħrika lill-appellant skont il-Liġi.

16. Issa l-ewwel dehra tal-appellant quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għas-smiegħ tal-kawża kontrih jirrisali għad-data tas-27 ta' Jannar tas-sena 2020. Dan ikun ifisser li mid-data tal-allegat ksur (fl-aħjar ipoteżi għall-appellant mill-15 ta' Ġunju 2019) sad-data tal-udjenza li fiha deher l-appellant ċjoe fis-27 ta' Jannar 2020 kienu għaddew iżjed minn **seba' xhur**. Ma ġiex pruvat li bejniet dawn id-dati l-Prosekuzzjoni kienet għamlet xi att legalment validu li permezz tiegħu id-dekors tal-perjodu preskrittiv ġie interrott jew sospiż skont il-Liġi.

17. Fil-fehma ta' din il-Qorti għalhekk il-Prosekuzzjoni naqset milli tipproduċi prova sikura li ssodisfat il-proċedura tan-notifika ta' att ġudizzjarju skont il-Liġi. B'hekk din il-Qorti ma tistax tqis li l-Prosekuzzjoni pruvat, sal-grad rikjest minnha li hija nnotifikat legalment lill-imputat appellant bl-avviż tas-smiegħ.

18. Huwa minnu li l-appellant effettivament deher għas-seduta tas-27 ta' Jannar 2020 u hemmhekk huwa assoġġetta ruħu għall-ġurisdizzjoni tal-Qorti, ġie infurmat formalment bl-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu kif ukoll iddefenda lilu nnifsu għaliha bl-għajnuna tal-Avukat Difensur tiegħu. Iżda huwa daqstant ieħor fatt

li sadattant il-perjodu preskrittiv kien laħaq għadda. Dan l-ewwel aggravju tal-appellant għalhekk jimmerita li jiġi milqugħ.

# Deċide

Għall-dawn il-motivi din il-Qorti, tilqa' l-ewwel aggravju imressaq mill-appellant, tħassar is-sentenza appellata u tillibera lill-imputat appellant minn kull ħtija u piena u dan peress li l-proċediment penali kontra tiegħu kien estint minħabba preskrizzjoni tal-azzjoni.

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**